# QORTI ĊIVILI
# (SEZZJONI FAMILJA)

## ONOR.IMHALLEF

## JACQUELINE PADOVANI GRIMA LL.D., LL.M. (IMLI)

### Seduta ta' nhar it-Tnejn 8 ta' April, 2019

**Rikors Numru : 470/2018 JPG**

**Kawza Numru : 24**

**BCF**

**Vs**

**NLC**

**Il-Qorti:**

Rat ir-rikors ta' BCF datat 22 ta' Ottubru, 2018, a fol 1 et seqq., li jaqra hekk:

*Illi l-partijiet zzewgu nhar it-tletin (30) ta' Mejju tas-sena elfejn u disgha (2009) f'Malta, u li matul dan iz-zwieg, l-intimat addotta lil iben ir-rikorrenti, OC li llum ghandu sittax-il sena (16).*

*Illi l-partijiet ilhom legalment separati minn ma xulxin sa mis-sena elfejn u erbaghtax (2014) skond ma jirrizulta mill-anness att ta' separazzjoni konsenswali, ippublikat min-nutar Dottor James Grech nhar l-ghoxrin (20) ta' Gunju tas-sena elfejn u erbaghtax (2014), kopja ta' liema kuntratt qieghed jigi hawn annessa u esbita bhala* ***Dok. A.***

*Illi ma hemm l-ebda prospett ragjonevoli ta' rikonciljazzjoni stante li minbarra l-fatt illi issa ilhom diversi snin legalment separati minn ma xulxin, il-partijiet ghandhom ukoll hajja totalment separata minn ma xulxin.*

*Ill in oltre, ma hemm l-ebda pendenzi fir-rigward tal-hlas tal-manteniment, la dak*

*pagabbli versu il-mara galadarba l-partijiet irrinunzjaw ghal dan id-dritt fi klawsola numru tlieta (3) tal-att relattiv, u lanqas dak li r-rikorrent jissomministra ghat-trobbija ta' ibnu O, stabbilit permezz 4(d).*

*Ghaldaqstant l-esponenti titlob reverentement illi dina l-Onorabbli Qorti joghgobha;*

1. *Tippronunzja l-hall taz-zwieg bejn il-partijiet;*

2. *Tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex fiz-zmien imholli ghall-daqshekk mill-istess Qorti, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bil-hall taz-zwieg tal-partijiet sabiex dana jigi registrat fir-Registru Pubbliku.*

Rat li l-atti tar-rikors promotur, d-digriet u tal-avviz tas-smiegh gew debitament notifikati skond il-ligi;

Rat in-nota bil-gurament ta' NLC, datata 9 ta' Jannar, 2019, a fol 23 li taqra hekk:

*Li permezz taghha, umilment jinforma lil din l-Onorabbli Qorti illi huwa jaqbel mat-talba maghmula minn martu ghall-hall taz-zwieg taghhom kif hemm kontemplat fir-rikors taghha, dment li ma jbatix spejjez in konnessjoni mal-imsemmija procedura.*

Semghet ix-xhieda bil-gurament;

Rat id–dokumenti ezebiti u l-atti kollha tal-kawza;

Rat l-Artikoli 66A, 66B u 66C tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

**Ikkonsidrat;**

Il-Qorti rat id-dispozizzjonijiet relevanti tal-Kodici Civili ghal kaz in ezami senjatament:

***66A. (1) Kull wieħed u waħda mill-miżżewġin ikollu l-jedd illi jitlob id-***

*divorzju jew il-ħall taż-żwieġ skont kif inhu maħsub f'dan is-Sub-Titolu. Ma jkunx meħtieg illi qabel ma jiġi mitlub id-divorzju, il-miżżewġin ikunu infirdu minn xulxin b'kuntratt jew b'sentenza. [...]*

*66B. * Bla ħsara għad-dispożizzjonijiet li ġejjin ta' dan l-artikolu, id-divorzju ma jistax jingħata ħlief b'talba ta' żewġ persuni miżżewġa flimkien jew ta' waħda minnhom kontra l-oħra, u sakemm il-qorti tkun sodisfatta li:*

*(a) fid-data li jibdew il-proċeduri ta' divorzju, il-miżżewġin ikunu għexu mhux flimkien għal perjodu ta', jew perjodi li jammontaw għal, mill-inqas erba' snin matul il-ħames snin minnufih preċedenti, jew ikunu għaddew mill-inqas erba' snin mid-data tas-separazzjoni legali; u*

*(b) ma hemm l-ebda prospett raġonevoli għal rikonċiljazzjoni bejn il-miżżewġin; u*

*(ċ) il-miżżewġin u kull wild tagħhom qed jirċievu manteniment adegwat, fejn hu dovut, skont iċ-ċirkostanzi partikolari tagħhom, kif hemm maħsub fl-artikolu 57:*

*Iżda l-miżżewġin jistgħu f'kull żmien jirrinunzjaw għad-dritt tagħhom ta' manteniment: [...]*

Jirrizulta sodisfacentement pprovat illi l-partijiet kienu zzewgu nhar it-30 ta' Mejju, 2009 u li waqt dan iz-zwieg l-intimat addotta lil iben ir-rikorrenti;

Huwa stabbilit di piu' illi l-partijiet isseparaw legalment permezz ta' kuntratt datat 20 ta' Gunju, 2014 in atti tan-nutar Dottor James Grech;

Jirrizulta ukoll m'hemmx pendenzi rigward hlas ta' manteniment bejn il-partijiet.

Il-Qorti tqis inoltre li ma hemm l-ebda prospett ragonevoli ta' rikonciljazzjoni bejn il-partijiet, u li l-partijiet ilhom jghixu separatament ghal aktar minn erba' snin.

Ghalhekk jirrizulta illi r-rikorrenti irnexxilha tissodisfa ir-rekwiziti kollha mehtiega mil-ligi sabiex z-zwieg jigi mahlul.

**Ghal dawn il-motivi, il-Qorti taqta' u tiddeciedi billi tilqa' t-talbiet, tippronunzja il-hall taz-zwieg bejn il-partijiet u tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex, fi zmien xahar mill-llum, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku.**

**L-ispejjez ta' dawn il-proceduri ghandhom jibqghu minghajr taxxa bejn il-partijiet.**

**Moqrija**

**Mhallef Jacqueline Padovani Grima LL.D. LL.M. (IMLI)**

**Lorraine Dalli**
**Deputat Registratur**